# Il-Ħuttafa

numru 120

Jannar - Frar 2014




€2 għal min mhux membru

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



Aron Tanti

Il-Gawwija Rasha Kannella narawha komuni fix-xitwa speċjalment fil-portijiet



# Ħbieb Ħuttaf...

## editorjal

Kellna ftit ġranet kesħin mhux ħażin dix-xitwa. Imma ħdejn l-inġazz li kellhom in-naħa ta' fuq tal-Ewropa, ix-xitwa tagħna qisha s-sajf! Ħafna għasafar jafuh dan u għalhekk kull ħarifa jinżlu jfittxu l-inħawi tal-Mediterran. Jekk jibqgħu fl-artijiet tat-tramuntana jiffriżaw.

In-naħat tagħna huma iktar sħan mill-Ewropa ta' fuq għax qegħdin iktar viċin tal-ekwatur (*equator*). Biex tagħqad, mhux bogħod minna hemm l-ikbar deżert sħun tad-dinja – is-Saħara – u dak ikompli jsaħħan l-arja mal-Mediterran kollu. Barra minn hekk, il-baħar stess ma jħallix it-temperaturi jitbaxxew jew jogħlew wisq. U Malta tgħum eżatt f'nofsu! Mhux ta' b'xejn qatt ma nlaqqtu l-estremi tat-temp.

U mhux ta' b'xejn jien u nikteb dan l-editorjal qed nisma' mit-tieqa Vjolin tax-Xitwa jgħanni kważi se toħroġ qalbu. Il-Vjolin tax-Xitwa (*chiffchaff*) jkun komuni f'Malta daż-żmien.. Għasfur daqs nitfa mingħajr kwiet f'ġismu. Dejjem jgħarrex qalb il-weraq ifittex dud u insetti. Hawnhekk għandu xalata, x'ma jkantax! Kieku baqa' l-Ġermanja jew il-Polonja jew min jaf minn fejn ġie, kieku ilu li sar *ice-cube* miskin.






Victor Falzon

Aħna hawn Malta vera xxurtjati li jkollna daqshekk għasafar fil-pases u fix-xitwa, u kollu bis-saħħa tal-pożizzjoni tal-Gżejjer Maltin. Kieku pajjiżna kien x'imkien ieħor – ngħidu aħna f'nofs l-Atlantiku jew fin-North Sea – ma kienx ikun daqshekk imfittex mill-għasafar tal-passa. L-għasafar kważi jixirqilhom ikunu fil-bandiera ta' Malta :)

Il-Vjolin issa waqaf jgħanni, u floku issa hawn Sturnell qed jagħmel ħoss qisu bieb iżaqżaq! Crazy eh!

*Victor*

**Victor Falzon**
l-Editur

## Mal-faċċata



Il-**fenek selvaġġ** (wild rabbit) huwa l-ikbar mammiferu selvaġġ ta' Malta. Probabbli mhuwiex indiġenu imma kien iddaħħal Malta fl-antik, forsi mir-Rumani. Illum huwa meqjus parti mill-fawna ta' pajjiżna. Il-fenek fir-ritratt huwa żarmuġ (ferħ) ta' ftit ġimgħat!

Ritratt ta' Aron Tanti

## il-Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Aħbarijiet mid-Dinja | 4 |
| Il-Ġojjin | 5 |
| L-Isteppa | 5 |
| Attività | 6 |
| Intervista mal-Erika | 6 |
| Erba' Mammiferi | 7 |
| Arti u Ritratti | 8 |
| Paġna Falko | 9 |
| Pembroke | 10-11 |


## il-Kumitati


### Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon • Felix Gerardi • Janet Gerardi

### Falko

Martin Austad (kap) • Anne Marie Austad • Nicholas Galea • Timothy Micallef


## il-Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa, u attivitá ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru u s-sħubija hija €7 fis-sena.

## il-Kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


Reg.Vol.Org. VO/0052

©BirdLife Malta, Frar 2014
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop




Bi nhar iz-**Zakak Abjad** jinfirex mal-kampanja u fil-widien.

Aron Tanti

**Daqshekk daħlu zizka bojod jorqdu l-Belt Valletta.**

Fil-11 Jannar 2014 wara nofsinhar inġabru l-Belt Valletta grupp ta' 20 membru tal-BirdLife. Xogħolhom kien ħa jkun li jgħoddu z-zizka bojod waqt li dawn l-għasafar ikunu deħlin jorqdu.

Il-membri tqassmu madwar is-swar tal-Belt, ilkoll armati b'karta, lapes u arloġġ. U par għajnejn!

Ftit qabel il-5pm bdew jitfaċċaw iz-zizka deħlin sparati mill-kampanja. Għall-ewwel dehru waħdiet imma sa kwarta wara bdew deħlin bil-gzuz. U sa 5.35pm spiċċa kollox!

Il-grupp imbagħad reġa' ltaqa' biex iqabblu n-numri u jagħmlu t-totali. B'kollox kienu għaddew 7497. Dan kien it-tielet l-ogħla total minn kemm il-BirdLife ilha tagħmel dan l-istudju. Grazzi lill-membri li ħadu sehem speċjalment lil Denis Cachia li organizza l-attività.

Ir-rekord kien 7761, fl-2009.




Fil-ħarifa jitfaċċaw Malta z-zizka bojod (white wagtail) u ħafna jibqgħu Malta għax-xitwa. Iz-zizka għandhom drawwa li filgħaxija jinġabru fi gruppi biex jorqdu f'siġar kbar kennija (jgħidulu *roost*). L-ikbar roost taz-zizka bojod f'Malta huwa fis-siġar ta' ħdejn il-konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Il-BirdLife ilha mill-1986 tagħmel *roost counts* kważi kull sena.



Ma nafx jien. Tini sodda u ttini xejn.




Gamiema fuq il-bejta, ritratt meħud Kemmuna.

Joe Sultana

**Daqshekk ġbarna firem biex nippruvaw inwaqqfu l-kaċċa fir-rebbiegħa.**

Skont il-liġi dan in-numru huwa kbir biżżejjed biex il-gvern jagħmel dak li jgħidulu **referendum**. X'ikun referendum?

Referendum huwa meta fil-pajjiż ikun hemm kwistjoni li flok ma jiddeċiedi fuqha l-gvern, jiddeċiedu n-nies stess billi jivvutaw iva jew le.

Il-problema tal-kaċċa fir-rebbiegħa ilha għaddejja s-snin u mhemmx li tinqata' darba għal dejjem. Għalhekk il-BirdLife u diversi għaqdiet ambjentali oħrajn ingħaqdu flimkien, ħarġu fit-toroq u l-pjazez u l-ħwienet bil-karti u bdew jiġbru eluf ta' firem. Ġbarna xi 44,000 firma, u kieku bqajna għaddejin żgur konna niġbru iktar. Jidher ċar li hawn ħafna Maltin li jixtiequ l-ġid lill-għasafar.

Ir-rebbiegħa hija żmien importanti għall-għasafar għax ikunu qed jibdew ibejtu biex irabbu familja ġdida. Għalhekk dan huwa l-iktar żmien meta għandna nħarsuhom, speċjalment għasafar bħall-gamiem u s-summien li qed jonqsu fl-Ewropa. Imma l-kaċċaturi Maltin iridu l-maqlub. Iridu jitħallew ikomplu jisparaw fir-rebbiegħa fuq il-gamiem u s-summien. U lee!



Nicholas Galea

## Rari u grixti

F'Diċembru li għadda reġa' tfaċċa Malta **Gallozz tal-Afrika** (Allen's Gallinule *Porphyrula alleni*). Din kienet ir-raba' darba li dan l-għasfur rari mill-Afrika qatt deher f'pajjiżna.

# Kilitha miskina!

Fl-aħħar *Il-Ħuttafa* ġibna r-ritratt tax-xellug u tħassibna fuq il-futur ta' dik il-povra ħarruba li spiċċat f'nofs triq ġdida li qed jibnu fil-Manikata. Minn dak iż-żmien 'l hawn ġara kif bsarna. Kif taraw mir-ritratt tal-lemin il-ħarruba issa taret minn hemm. Biex forsi tibqa' ħajja, inqalgħet bil-galbu u reġgħet tħawlet fil-qrib (fejn turi l-vleġġa). Aħna nisperaw li tibqa' ħajja dil-ħarruba. Nisperaw ukoll li min jippjana l-iżvilupp fil-kampanja juri rispett sura lejn is-siġar, mhux qishom ma jeżistux!

Ftit ilu żorna l-povra ħarruba li bħalissa qisha skeletru. Rajnielha ħafna weraq ġdid qed jinbet mil-friegħi u tidher għadha ħajja. Imma biex inkunu ċerti trid tgħaddi mqar sena.



17 Diċembru 2013

Victor Falzon



19 Jannar 2014

Desirée Falzon

# Aħbarijiet mid-Dinja



## Kaċċa Stop!

L-**Albanija** ħa twaqqaf il-kaċċa kollha għal sentejn. Ħafna għasafar (speċjalment tajr tal-priża bħal ajkli) u anke orsijiet qed isiru rarissmi f'dal-pajjiż. Dan qed jiġri minħabba l-ħafna kaċċa bl-addoċċ li ssir hemmhekk kull sena, speċjalment minn mijiet ta' kaċċaturi Taljani li jmorru hemm u jagħmlu ħerba.



## Fil-mira!

L-**Istati Uniti** għandhom liġi tajba jisimha *Endangered Species Act* li tipproteġi annimali rari. Fost dawn hemm il-lupu, li ilu protett mill-1974. Imma issa qed jitħajru jneħħu l-lupu mil-lista. Dan kollu biex ipaxxu l-kaċċaturi, li mejtin biex jerġgħu jibdew joqtlu l-lupu, ħalli jħossuhom vera *heroes*.






## Żdiedu!

Matul is-sena 2013, l-enerġija mir-riħ kompliet tiżdied madwar id-dinja. Għalkemm naqset f'xi pajjiżi bħall-Istati Uniti, żdiedet sew f'pajjiżi bħall-**Kanada** u ċ-**Ċina**. Fis-sena 2012 l-enerġija totali mir-riħ kienet 283 gigawatts. Fl-2013 il-figura telgħet għal 318 gigawatts, żieda ta' 12.4%. Numru sabiħ.



## Ikel ġdid!

Minħabba li qed tisħon il-klima, l-istaġun tas-silġ fl-Artiku qiegħed jiqsar. L-orsijiet bojod qed ibatu l-ġuħ għax bla silġ ma jkunux jistgħu jikkaċċjaw il-foki. Fil-fatt fil-**Kanada** xi orsijiet imġewħin qed iduru għall-bejtiet ta' għasafar bħal *eiders* (tip ta' papri) u jiklulhom il-bajd – eluf u eluf ta' bajd.



## Tapir!

In-naturalisti l-ħin kollu jsibu annimali ġodda madwar id-dinja, is-soltu xi insetti jew żrinġijiet żgħar. Imma dan l-aħħar fil-foresti tropikali tal-**Brażil** u l-**Kolumbja** skoprew tapir ġdid li jiżen sa 110kg! In-nies indiġeni kienu ilhom jafu bih imma għax-xjenza huwa ġdid: *Tapirus kabomani*.






## 988,000,000!

Kull sena fl-**Istati Uniti** biss huwa stmat li jmutu kważi biljun għasfur għax jaħbtu mal-ħġieġ tat-twieqi. L-għasafar ma jarawx il-ħġieġ bl-istess mod li narawh aħna u spiss ma jindunawx bih. Għalhekk itiru għal ġo fih u ħafna drabi jmutu mad-daqqa. L-aħjar mod biex nevitaw dan huwa li jitwaħħlu tejp jew stikers mal-ħġieġ.



## Tfal!

L-istat ta' Idaho (**USA**) qed jitħajjar iħalli tfal ta' 10 snin joħorġu għall-kaċċa! Din l-idea stupida u perikoluża ħarġu biha biex iżid il-bejgħ ta' snieter u rajfils! Wieħed mill-għorrief li jrid dil-liġi nstema' jgħid: "X'hemm isbaħ milli l-familja kollha toħroġ tgawdi n-natura!" Prosit, għal dawn it-tuba tgawdi n-natura jfisser toqtol l-annimali!



## Iktar friefet!

Studju li ilu għaddej ħafna snin sab li mill-1993 sal-2011 il-friefet il-lejl tal-**Ewropa** żdiedu b'43%. Il-friefet il-lejl kienu naqsu sew fis-seklu 20, l-iktar minħabba l-qerda tal-ambjent naturali tagħhom u minħabba bexx u kimiċi. Bis-saħħa tal-ħarsien u proġetti ta' [1]konservazzjoni, dawn il-mammiferi tal-ġenn qed jerġgħu jirkupraw.



## Multa multun!

Ftit ġimgħat ilu l-**Kenja** għaddiet liġijiet ġodda kontra n-negozju illegali fl-[2]avorju tal-iljunfanti. Ftit ilu nqabad Ċiniż bi 3.4kg avorju. Tellgħuh il-qorti akkużat li qed jinnegozja fl-avorju u weħel multa ta' €171,000 (jew seba' snin ħabs). Il-qtil tal-iljunfanti żdied sew f'dawn l-aħħar snin, forsi dawn il-liġijiet ħorox jgħinu biex tonqos dit-traġedja.




[1]**konservazzjoni** = Meta annimali, pjanti jew ambjenti rari jingħataw protezzjoni u għajnuna speċjali biex jerġgħu jżidu u jinfirxu, u ma jibqgħux fil-periklu li jinqerdu.
[2]**avorju** (jew **ivorju**) = Il-materjal li minnu magħmulini in-nejbiet twal tal-iljunfanti. L-avorju jinbiegħ l-iktar fiċ-Ċina, fejn jaħdmuh fi statwetti jew jagħmlu minnu 'mediċina'.

# X'nista' nara tgħid?

**Jason Aloisio**

## Ġojjin Linnet *Carduelis cannabina*




Victor Falzon

Il-Ġojjin huwa wieħed mill-għasafar tal-għana li jidhru fi żmien il-passa. Dari kien aktarx l-aktar wieħed komuni fosthom, imma f'dawn l-aħħar snin naqas sew. L-istorja tiegħu, sfortunatament, hija komuni fl-Ewropa – it-tibdil fil-biedja u l-bexx ċekknu l-popolazzjoni tiegħu b'xi 60%.

Minbarra fl-Ewropa, il-Ġojjin jinstab ukoll fl-Afrika ta' Fuq u fil-punent tal-Asja. Dawk li jgħixu n-naħa ta' fuq tal-Ewropa jpassu, l-oħrajn huma ġeneralment [1]residenti.

Jingħad li sa ftit snin ilu xi pari Ġojjini kienu għadhom residenti f'Għawdex imma mid-dehra spiċċaw ukoll. Kieku jitħalla hemm ċans tajjeb li dan l-għasfur jerġa' jibda jbejjet f'pajjiżna.

It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.




[1]**residenti** = Meta annimal ikun tal-post u mhux tal-passa.

## MappAmbjenti 3 Steppa




Victor Falzon

Kif rajna f'*Il-Ħuttafa* 118 l-ambjent tar-raba jiksi iktar minn nofs Malta, u kif rajna f'*Il-Ħuttafa* 119 l-ambjent urban (bini, eċċ.) jiksi terz ieħor minn Malta. Jekk tgħaqqadhom flimkien tinduna li ftit jibqa' post f'pajjiżna għall-ambjent naturali. U hekk hu, għax xi 18% biss ta' Malta nistgħu nqisuha ambjent naturali.

Hawn diversi tipi ta' ambjenti naturali u f'Malta l-iktar komuni fosthom hija l-isteppa. L-isteppa tikber fejn hemm art b'ħamrija baxxa u fqira (nieqsa mis-sustanzi). Fl-isteppa jikbru pjanti baxxi u ma ssibx siġar. L-iktar li jixxala huwa l-ħaxix, xewk u xi pjanti tal-basla (bħall-berwieq u n-narċis).

Hemm tipi differenti ta' steppa, skont l-art li tkun. Per eżempju hemm l-isteppa tat-tafal, fejn tispikka l-ħalfa, ħaxixa li tikber qisha trofof griżi. Steppa oħra tikber fuq art li darba kienet tinħadem imma li ntelqet wara li l-ħamrija taret kważi kollha mar-riħ.

Fl-isteppa jgħixu ħafna insetti, fosthom ġurati, friefet u ħanfus. Insibu wkoll busaqajn u brimb.



Victor Falzon

**Medda steppa fl-inħawi ta' Ras il-Pellegrin. Fin-naħa tan-nofs tar-ritratt tidher tikber il-ħalfa, u fin-naħa t'isfel (bil-fjuri ħomor) hemm roqgħa silla, pjanta oħra tal-isteppa.**



Busaqajn
harvestman



# MaRaToNa

Data Il-Ħadd
23 Marzu 2014
Niltaqgħu fil-pjazza tas-Siġġiewi
Ħin 9am
Nispiċċaw Il-Maqluba (ħdejn il-Qrendi) xi 12.30am
Ġibu ikel, xorb, żarbun tal-mixi
Merħba membri* u l-familji, ħbieb...

*Membri taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir (18+).

Kif nagħmlu kull sena, dir-rebbiegħa ħa jkollna l-Maratona. Mixja ftit twila imma xorta sabiħa għax ngħaddu mill-kampanja u l-kilometri bilkemm narawhom. Anzi dis-sena r-rotta ħa nqassruha ftit. B'hekk inkunu iktar rilassati u ngawdu iktar in-natura li fir-rebbiegħa tisplodi bil-kuluri.




Victor Falzon

## Fl-istess ħin niġbru ftit fondi

F'din l-attività aħna niġbru wkoll xi flus biex nixtru xi ħaġa bżonnjuża għall-BirdLife. Per eżempju bil-flus mill-mixja tas-sena l-oħra (€1526) xtrajna *solar panels* biex indaħħlu ftit elettriku fiċ-ċentru żgħir tar-ringing li għandna fuq Kemmuna (ritratt tal-apparat mixtri hawn taħt). Bis-saħħa ta' dan l-apparat ir-ringers li jmorru jistudjaw l-għasafar fuq Kemmuna jkunu jistgħu jixegħlu bozza filgħaxija!



Wara ħafna riċerka għall-aħjar sistema, l-apparat xtrajnieh u ftit ġimgħat oħra nwaħħluh fil-post, fuq Kemmuna.

Justin Vassallo

Dis-sena ħa nużaw il-fondi biex nixtru **trombi u lentijiet biex jużawhom l-istudenti fir-riservi tal-Għadira u s-Simar**. Din mhix l-ewwel darba li ħa nixtru apparat bħal dan, u dan għaliex b'xorti ħażina t-trombi ma jservux ħafna snin.

Biex tgħinuna niġbru flus għal dal-proġett użaw il-**karta sponsor** li waslitilkom ma' dal-magażin. Għandkom iktar dettalji fuq il-karta stess.

Grazzi ħafna.

## Intervista ma' Fjura




**Erika**
**Mediterranean Heath**

Victor Falzon

**X'kien għandek isem ta' tifla?**
Ara l-ieħor! Forsi l-bniet issemmew għalija eh! U bil-ħaqq għandi ismijiet oħrajn: Leħjet ix-Xiħ, Savina, Sagħtar Aħmar, Issopu.

**Waww! Allura Savina, inti pjanta komuni jew rari?**
Ma tantx jien komuni imma f'xi nħawi fejn hemm l-ambjent tiegħi taf tara ħafna [1]arbuxxelli minna.

**X'inhu l-ambjent tiegħek?**
Jien fix-xagħri nixxala.

**Il-fjuri issa biss żmienhom jew għandek staġun twil?**
Il-fjuri niftaħhom f'Jannar u Frar, imma le ma tantx idumu.

**Ifuħu?**
Xejn speċjali imma n-naħal xorta jsibhomli u jiffanga fihom!

**Għandek xi problemi?**
Ma tantx, ħlief li x-xagħri hawn xi nies jaħsbuh tajjeb biss biex tarmi fih xi trakk terrapien!

**Qed nara xi arbuxxelli maħruqin. Hawn min iħobb jaħraqkom ukoll?**
Le ruħi dawk mhux maħruqin. Dak għax meta jinxfulna l-fjuri jsiru bukketti kannella u jkun qisu xi ħadd taħom in-nar.

**Serraħtli rasi. Ċaw u grazzi.**
Lilek ukoll. Tkun 'l hawn għaddi.

[1]arbuxxell = siġra baxxa u folta, bl-Ingliż *bush* jew *shrub*.

# Niltaqgħu ma' erba' Mammiferi Maltin

## Il-Qanfud

Il-**Qanfud** (Algerian hedgehog *Atelerix algirus*) ta' Malta differenti mill-qanfud tal-Ewropa għax tagħna ġie mill-Afrika ta' Fuq. Jiekol insetti, ħniex u bugħarwien. Joħroġ bil-lejl u spiss itajruh il-karozzi :( X'aktarx li ddaħħal Malta mill-bniedem fl-antik.

Denis Cachia



## Il-Ballottra

Il-**Ballottra** (weasel *Mustela nivalis*) hija l-uniku karnivoru tal-art li għandna Malta. Hija żgħira ħafna u tiekol l-iktar ġrieden u firien, kultant iżżarma xi bejta għasafar jew tkaxkar żarmuġ ta' fenek. Jista' jkun li mhix indiġena imma li ddaħħlet Malta fl-antik.

Raymond Galea



## Il-Bugeddum

Fil-Gżejjer Maltin għandna żewġ speċi ta' bugeddum, wieħed f'Malta u l-ieħor f'Għawdex. Tar-ritratt huwa l-**Bugeddum** (Etruscan shrew *Suncus etruscus*). Qisu ġurdien imma huwa mill-familja tal-qanfud u jiekol insetti u annimali żgħar oħra. Dan huwa t-tieni l-iżgħar mammiferu tad-dinja!

Raymond Galea



## Il-Pipistrell

F'Malta għandna erba' speċi ta' pipistrelli u mhux faċli jingħarfu minn xulxin. Dan tar-ritratt huwa probabbli l-**Pipistrell tal-Faxx** (Kuhl's pipistrelle *Pipistrellus kuhli*). Bħal friefet il-lejl oħra jittajjar filgħaxija u jiekol baħrijiet u nemus.

Victor Falzon



Grazzi lill-ħabib tagħha **John J Borg** għal xi tagħrif dwar il-friefet il-lejl.

Malta nieqsa sew mill-mammiferi imma le mhux dawn l-erbgħa biss għandna! Xi darba niltaqgħu ma' ftit oħrajn.



Biss biss hemm ieħor f'paġna 1.

arti

# Agħti kulur





Victor Falzon

## Gardell goldfinch




Baqa' ftit kalendarji x'jinbiegħu. Issa qegħdin €1.50 biss.

Mir-riservi naturali jew miċ-Ċentru BirdLife f'Ta' Xbiex



Ibagħtulna tpinġijiet u ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew pjanti kkultivati) ħa nġibuhom f'dil-paġna. Basta jkunu veru tagħkom. Ibagħtuhom bl-imejl jew bil-posta*.

**imejl** il-huttafa@birdlifemalta.org

**indirizz** BirdLife Malta
57/28 Triq Abate Rigord
Ta' Xbiex XBX 1120

*Materjal li tibagħtu bil-posta ma nkunux nistgħu nibagħtuh lura.

## ARTITASKYA

Kartun ieħor ta' **Askya Pizzuto (18)**



Bufula Sewda



Kamaleonti ta' Jonathan Pullicino



Blonġun Sekond ta' Kimberly Gauci




Iktar attività

# Ejjew gawdu!

**Nhar Sibt il-Għid il-BirdLife ħa torganizza attività għall-familja fir-riserva tas-Simar: logħob, tfittxija għall-bajd tal-Għid, eċċ. Għal iktar tagħrif ċemplu 21347644/5 jew ibagħtu imejl lil office@birdlifemalta.org**

## Attività għal Sibt il-Għid • 19 April 2014



Żgħażagħ Klabb Ħuttaf 13+ • Żgħażagħ Klabb Ħuttaf 13+ • Żgħażagħ Klabb Ħuttaf 13+



# Ħbieb Falkuni!

Lill-Falko nistgħu ngħidulha *Happy Birthday* għax ilna proprju sena li bdejna!

Nisperaw li intom ħadtu gost daqsna. Tista' tgħid għamilna minn kollox: mixjiet fil-kampanja (anke *night hike*), tlajna Għawdex u Kemmuna, żorna r-riservi. Rajna ħafna għasafar, imma anke ħlejjaq oħra u pajsaġġi sbieħ. Fuq kollox għamilna ħafna ħbieb ġodda.

Għat-tieni sena tagħna qed nippjanaw attivitajiet ġodda li ħa jkomplu jżidu mal-avventura. Imma għandna bżonn l-għajnuna tagħkom. Iżjed ma nkunu Falkuni iżjed nieħdu gost, x'taħsbu? Għalhekk ħeġġu lil sħabkom jiġu l-attivitajet magħkom u biex jidħlu membri fil-BirdLife. Nisperaw li nkomplu naraw uċuħ ġodda ta' membri li jkunu għadhom kemm daħlu.

Nagħtu wkoll merħba kbira lil dawk il-membri tal-Klabb li dis-sena jagħlqu 13-il sena u li għalhekk isiru awtomatikament Falkuni. Importanti li ġġedu l-miżata fil-Klabb inkella titilfu ċ-ċans li dduqu l-Falko!

Meta tkunu membri tal-BirdLife turu kemm in-natura Maltija hi għal qalbkom. Il-flus li tagħtu jgħinu lill-BirdLife tkompli x-xogħol fl-edukazzjoni, fir-riservi u fil-protezzjoni u l-istudju tal-għasafar. Imma aktar minn hekk, permezz tal-ħarġiet u tal-magażin *Il-Ħuttafa* intom titgħallmu iktar dwar l-ambjent naturali. Malta għandha bżonn żgħażagħ li jafu l-proċessi kumplessi ta' kif jiffunzjonaw l-ekosistemi. Pajjiżna għandu ħafna bżonn ta' nies li jifhmu fin-natura u li jixtiequ jagħmlu l-parti tagħhom għall-ħarsien ta' dawn l-ekosistemi. Li tkunu membri fil-BirdLife jaf ikun l-ewwel pass biex issiru dawn in-nies.

Narawkom għal xi ħarġa.




*Martin*

**Martin Austad**
Kordinatur Falko



Waqfa L-Imġiebaħ waqt il-ħarġa tat-13 Diċembru 2013.

Sibuna fuq **facebook**. Jekk tfittxu **Falko BirdLife Malta** għandkom issibu l-paġna l-ġdida tagħna. Ittawlulha spiss għal iżjed tagħrif fuq l-attivitajiet.

FALKO

## Maratona Il-Ħadd 23 Marzu 2014



Aħna tal-Falko mhux se ngħidu le għal sfida u għalhekk ħa mmorru aħna wkoll il-mixja maratona ta' Marzu mal-bqija ta' Klabb Ħuttaf. Araw paġna 6 għad-dettalji.

## Tellieqa Berdwoċing Is-Sibt 5 April 2014



Hekk hu! Ħa naraw kemm jirnexxielna naraw speċi t'għasafar f'xi sitt sigħat berdwoċing! Aħna l-Leaders tal-Falko konna l-ewwel li għamilna attività bħal din f'Malta (araw *Il-Ħuttafa* 119) imma din id-darba ħa tkun għall-membri kollha tal-BirdLife. Minn ħa jgħid le għal ċans li jdur diversi postijiet fil-kampanja bħar-riservi, Foresta 2000 u l-Buskett, jara ħafna għasafar, jitgħallem iżjed kif jagħrafhom u dan kollu fl-eqqel tal-passa? Ċans ta' premjijiet sbieħ. Hemm wisq irqaqat biex noqogħdu nġibu kollox hawn, għalhekk min hu interessat jikkuntattjana u nibagħtulu d-dettalji kollha.

## Tlaqna Kemmuna Is-Sibt 19 April 2014



Fir-rebbiegħa mhux ta' min ma jitlax ġurnata Kemmuna. Is-sena l-oħra ħadna ħafna gost, min jaf forsi dis-sena nerġgħu ninzertaw xi għasfur speċjali bħall-aħħar darba! Għandna naraw xi kaċċamendula, żanżarelli u xi tajra safra. Ħa jkollna ċ-ċans ukoll naraw ftit bird-ringing għax kif inkunu hemm ngħaddu waħda sar-Ringing Station tal-BirdLife. Imbagħad nimxu ftit fuq ix-xagħra u s-sisien, u ngawdu l-kwiet u l-ġmiel ta' dil-gżira żgħira.

**niltaqgħu** fis-7.15am (il-lanċa titlaq fis-7.30am) **post** Iċ-Ċirkewwa quddiem il-gabbana **ġibu** flus għal-lanċa (xi €10), żarbun għall-mixi, ikel, ilma, tromba, kamera, beritta, sanblokk **età** Falko 13+

Fit-13 Diċembru 2013 imxejna mir-riserva tal-Għadira sa dik tas-Simar. Gawdejna kampanja mill-isbaħ, kif tistgħu taraw mir-ritratti ta' sħabna membri Kimberly Gauci u Jonathan Pullicino. Ilmaħna wkoll xi għasafar, fosthom żewġ **imragen**, **blonġun sekond** (ritratt p.8) u **fjamma sewda**. Rajna wkoll **kamaleonti** (ritratt p.8).



Il-Bajja tal-Mellieħa

Kimberly Gauci



Il-Gżejjer Selmunett

Kimberly Gauci

**Dejjem** infurmana jekk tkun ġej ħarġa tal-Falko. Tista' **jew** iċċempel **99214143 / 99809190** **jew** tibgħat imejl lil **falkoblm@gmail.com** **jew** tħalli messaġġ fuq **Facebook**.

# Pembroke

Elisabeth Conrad




Victor Falzon

**Fejn qiegħed?**

Pembroke qiegħed max-xatt fil-grigal ta' Malta, bejn St Andrews u Baħar iċ-Ċagħaq.

**Ilkoll x'aktarx li smajtu bil-lokalità ta' Pembroke, jew anke żortu l-post. Pembroke huwa raħa żgħir fl-inħawi ta' Paceville, Is-Swieqi u San Ġiljan – mhux parti ta' Malta li tant nassoċjaw man-natura normalment! Minkejja dan, ix-xagħri li nsibu fl-inħawi ta' Pembroke huwa wieħed mis-siti naturali importanti tal-Gżejjer Maltin, tant li dan huwa Sit Natura 2000.**

## Ambjent li mhux faċli tgħix fih

Allura x'hemm daqshekk speċjali f'Pembroke? Ħafna affarijiet. Ix-xagħri huwa minnu nnifsu ambjent ta' valur kbir, li fih insibu arbuxxelli u pjanti żgħar adattati sew għan-nixfa tas-sajf u l-qilla tax-xemx, u għar-riħ – tinsewx li mingħajr il-kenn tas-siġar, fuq medda miftuħa viċin il-baħar, pjanta żgħira trid tkun kapaċi tkampa anke f'riħ qawwi, speċjalment xi grigal mgħobbi raxx mielaħ tal-baħar.

## Flora

Fix-xagħri ta' Pembroke insibu mhux biss speċi komuni tax-xagħri (bħas-**Sagħtar**) u tal-isteppa (bħall-**Għansar** u l-**Berwieq**), imma wkoll speċi li huma inqas magħrufin jew inqas komuni. B'mod partikolari, ix-xagħra ta' Pembroke hija magħrufa għall-orkidi, pjanti li faċli tagħrafhom mid-dehra speċjali tal-fjuri. Fost l-orkidi li nsibu Pembroke hemm in-**Naħla Griża**, l-**Orkida Ħamra**, l-**Orkida tat-Tikek** u l-**Brimba Sewda** – dawn jinkludu wkoll speċi rari fil-Gżejjer Maltin. Dalwaqt jasal l-istaġun tal-fjuri ta' dawn l-orkidi (l-iktar bejn l-aħħar ta' Frar u April) u jekk tmorru passiġġata Pembroke taraw xi spettaklu sabiħ dawn joffru. Pjanti oħrajn importanti huma t-**Tewm Irqiq ta' Malta** u l-**Limonju ta' Malta**, żewġ speċi endemiċi għal Malta. Minħabba li Pembroke qiegħed mal-baħar insibu wkoll diversi pjanti tipiċi tax-xatt, bħax-**Xebb**




Victor Falzon




u l-**Bużbież il-Baħar**. Insomma, taħlita tassew interessanti ta' pjanti ta' ambjenti differenti.

Fi żmien ix-xita jinħoloq ambjent importanti ieħor fix-xagħri ta' Pembroke, meta jiffurmaw l-għadajjar tal-ilma helu. Dawn jinxfu bis-sħana tas-sajf, però sakemm idumu preżenti jipprovdu ħabitat għal diversi speċi li huma speċjalizzati biex jgħixu ċ-ċiklu ta' ħajjithom f'qasir żmien, qabel l-għadira tinxef. Pjanta partikolari ta' dan l-ambjent li tinstab f'Pembroke hija l-**Elatine**, li hija endemika għal Malta u għal Lampedusa, gżira żgħira Taljana.

Meta speċi tkun endemika għal xi żewġ pajjiżi biss ngħidu li hi **sub-endemika**.

## Fawna

Fawna ta' interess ukoll ma tonqosx, kemm fl-għadajjar, kif ukoll fix-xagħri u fl-isteppa. Fl-għadajjar tal-ilma jgħix il-**Gamblu tal-Għadajjar**, annimali żgħir u kważi trasparenti, li bħall-pjanti tal-għadajjar ukoll għandu *life cycle* qasira. Fost l-għasafar li tara daż-żmien hemm il-**Pespus** u l-**Buċaqq tax-Xitwa**, imma fir-rebbiegħa jitfaċċaw għasafar bħall-**Kuda** u anke d-**Daqquqa tat-Toppu**.

## Storja

Ta' min ngħidu li dan is-sit għandu wkoll valur storiku importanti. Sabiħ li napprezzaw mhux biss in-natura imma kull aspett ta' wirt pajjiżna. L-istrutturi militari li nsibu f'Pembroke imorru lura mhux biss għal żmien l-Ingliżi (bħar-***rifle ranges*** li għadhom jintużaw sal-lum mill-Forzi Armati), imma anke sa żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (bħat-**Torri tal-Madliena** u l-**fugass** - speċi ta' kanun imħaffer fil-blat). Jekk tagħmlu ftit riċerka ssibu stejjer interessanti ħafna marbutin mal-iżvilupp ta' din il-lokalità tul iż-żminijiet.

Alex Casha



It-**Tursin il-Għul Xewwieki** (Thorny Burnet) hija pjanta rarissma li f'Malta li tikber biss f'Pembroke.

Aron Tanti



Il-**Kuda** (Northern Wheatear) tagħrafha mid-disinn iswed u abjad fuq denbha, li jispikka ħafna.

Alex Casha



It-**Tewm Irqiq ta' Malta** (Maltese Dwarf Garlic) huwa endemiku għall-Gżejjer Maltin.

Fil-fatt tinsab fir-**Red Data Book** ta' Malta.

Red Data Book x'jaħbat?

Red Data Book huwa ktieb b'lista ta' annimali u pjanti li jkunu rari u fil-periklu li jinqerdu minn dak il-pajjiż.

# Tridu dal-ktieb?













Idħol membru jew ġedded sena oħra fi **Klabb Ħuttaf** u jkun tiegħek!